DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1664

tas-6 ta' Novembru 2018

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2018 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas (BĊE/2018/23) ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas skada wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2017.

(3) Permezz tar-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2018 (BĊE/2018/15) ([2]), il-BĊE rrakkomanda li UAB Deloitte Lietuva jinħatru bħala awdituri esterni ta' Lietuvos bankas għas-snin finanzjarji 2018 sa 2021. UAB Deloitte Lietuva ma aċċettawx il-ħatra. Għalhekk huwa neċessarju li jinħatru awdituri esterni għas-snin finanzjarji 2018 sa 2021.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li UAB Ernst & Young Baltic jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas għas-snin finanzjarji 2018 sa 2021.

(5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([3]) tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"19. UAB Ernst & Young Baltic huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas għas-snin finanzjarji 2018 sa 2021.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

([1]) ĠU C 370, 12.10.2018, p. 1.

([2]) Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Mejju 2018 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Lietuvos bankas (BĊE/2018/15) (ĠU C 181, 28.5.2018, p. 1).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).